


# IL-VIA DOLOROSA

*P. Twanny Chircop ofm*

"Meta twieldet eżattament ir-Triq tas-Salib? Din hi domanda li mhux faċli li wieħed jirrispondiha. Dan minħabba l-fatt li din id-devozzjoni, kif waslet lilna illum, hija riżultat ta' proċess twil u li huma mdaħħlin fih Ġerusalemm u l-Ewropa.

Ma hemmx dubju li l-Via Dolorosa taf il-bidu tagħha lill-ewwel insara, influwenzati mill-liturġija li tiġi attwalizzata mir-rakkonti Bibliċi. Huma kienu dawk li għenuna nħarsu u nixħtu l-ħarsa tagħna lejn l-aħħar episodji fil-ħajja ta' Ġesù. L-ewwel insara riedu jagħmlu

t-tifkira tagħhom fil-post oriġinali, fl-ambjent oriġinali. B'hekk wieħed jgħix, fl-ambjent u klima oriġinali tal-ġrajjiet, u jsir parteċipi mis-sofferenzi ta' Kristu (1Pt 4,13; 2, 21) "Imma ifirħu, għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu. Għal dan intom kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu." Il-kumplament għamlitu l-Ispiritwalità medjevali, sensibbli għall-umanità ta' Kristu u għas-sofferenzi tal-Iben ta' Alla. Permezz ta' dan l-insara rċevew stimolu (qawwa) biex jimxu wara Ġesù fit-triq tas-salib, jimmeditaw il-ġrajjiet tal-Passjoni, biex jimitaw fil-ħajja ta' kuljum l-eżempju tas-Salvatur tagħhom.

## Storja qasira tal-Via Crucis

Sa mill-ewwel żmenijiet l-insara għamlu minn kollox biex iżommu ħajja ġewwa Ġerusalemm it-tradizzjoni tal-passjoni ta' Kristu anke jekk f'mod differenti minn dik tal-lum.
Lejn l-aħħar tar-IV seklu (381-384), il-pellegrina spanjola, Egeria żaret l-Art Imqaddsa f'pellegrinaġġ. Mid-djarju tal-vjaġġ li żammet naqraw li fi ġranet tal-ġimgħa u tas-sena l-insara tal-post kienu jmorru fuq il-postijiet marbuta mal-grajjiet tal-fidwa. Fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira, il-fidili (l-insara), flimkien ma' l-isqof tagħhom, kienu jagħmlu purċissjoni lejn il-postijiet qaddisa tal-



passjoni ta' Ġesù; wara li joħorġu mill-Imbomon (dan huwa bini fuq il-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ li jfakkar it-tlugħ fis-sema tal-Mulej) jinżlu l-Ġetsemani fejn, permezz tal-qari tal-vanġelu, kant u talb, kien jiġi mfakkar l-arrest ta' Ġesù. Minn hemm il-purċissjoni kienet taqsam il-belt sal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fejn kienu jsiru iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali (Itinerarium 36). Wasal għandna tagħrif simili permezz tal-Lezzjonarju Armen (V seklu).
Iż-żmien tal-Kruċjati hu tappa importanti oħra fil-formazzjoni tal-Via Crucis. Il-Kavallieri, ġejjin mill-pajjiżi Ewropej, wara li rebħu lura l-belt ta' Ġerusalemm, bdew isaħħu l-memorja tal-postijiet qaddisa, kemm dawk veri u dawk li kienu jaħsbu li kienu hemm, marbuta mal-ħajja ta' Ġesù u b'mod partikulari mal-passjoni. It-tifkira f'dawn il-postijiet bdiet, bil-mod il-mod, issir aktar ħajja u bdiet tieħu xejra ta' mixja ta' stazzjonijiet.
Lejn is-sena 1294, id-dumnikan Ricoldo di Monte Croce, fil-kronaka tiegħu tal-vjaġġ li għamel fl-Art Imqaddsa, jgħid għall-ewwel darba li l-pellegrini kienu jagħmlu l-istess triq li mexa Ġesù fl-aħħar jum ta' ħajtu; mill-post fejn ġie kkundannat sal-post fejn ġie msallab u midfun ġewwa qabar. Kienu l-Kruċjati li ġabu dawn it-tradizzjonijiet mill-Art Imqaddsa għall-Ewropa. L-insara ta' dak iż-żmien kienu




6 ST/ PIA
VERONICA
FACIEM
CHRISTI
LINTEO
DETERCI

fuq kollox interessati dwar il-ġrajjiet tal-passjoni ta' Kristu, f'sintonija mal-ispiritwalità tal-medju evu. L-iżvilupp ta' forom reliġjużi ġodda kienu jiffavorixxu diversi devozzjonijiet li nxterdu prinċipalment fit-territorju ġermaniku u tal-pajjiżi baxxi, bħalma kienu 'Is-Seba' waqat ta' Ġesù', 'Il-mixjiet ta' tbatija ta' Ġesù' jew 'Pellegrinaġġi Spiritwali'.

Il-Kanonku Bartilmew ta' Pola, huwa l-awtur ta' librett devozzjonali importanti, ippubblikat fl-1475, li jxerred id-devozzjoni lejn il-hekk imsejħin 'Seba' Maħfriet', talbiet penitenzjali li kienu jingħadu f'kull stazzjon. In-numru 7 ma kienx għażla bl-addoċċ; fil-fatt 'sebgħa', fil-Bibbja, jidher bħala simbolu ta' dak li hu sħiħ u perfett (ara Ġen 1,3-2,3, Eż 12,15-20, 1Slat 7,38b, Ġob 5,19, Prov 24,16). It-test miktub mill-kanonku Taljan, maqlub għall-Latin, kien l-ispirazzjoni għal opri oħra fuq l-istess stil li nfirxu b'mod qawwi fl-Ewropa kollha.

Fit-tieni nofs tas-seklu sittax l-iskema fissa ta' seba' stazzjonijiet-waqgħat kibret għal tnax. B'dan il-mod ġew miżjuda mal-'waqgħat' ġrajjiet oħra mill-ħajja ta' Ġesù, b'tali mod li flimkien kienu jagħmlu enfażi fuq l-importanza li wieħed jimxi wara Ġesù fit-triq tas-Salib u li jingħaqad spiritwalment mal-passjoni tiegħu. Eżempju ta' dan, ta' din it-tendenza l-ġdida, huwa mogħti lilna minn il hekk imsejjaħ 'Pellegrinaġġ Spiritwali' (stampat fl-1563) li fih, il-karmelitan Belġjan Johan van Paesschen (Jean van Paschen) ippropona ordni fil-Via Dolorosa mhux ħafna differenti minn dak li għandna illum (l-akbar differenza tirrigwarda iż-żmien: kull stazzjon kien jikkorrispondi ma' ġurnata). Il-forma twila (longa Via Crucis) kienet tiġbor fiha 15-il stazzjon, filwaqt li dik ġenwina (vera Via Crucis), bl-ewwel tliet stazzjonijiet mħollija barra, kien fiha 12-il stazzjon:

1. L-arrest fil-Ġetsemani
2. Il-proċess quddiem is-Sinedriju
3. Il-proċess quddiem Pilatu
4. Il-kundanna għall-mewt
5. Ġesù mgħobbi bis-salib u l-ewwel waqgħa
6. Il-laqgħa ma' Ommu u t-tieni waqgħa
7. It-tielet waqgħa u l-għajnuna ta' Xmun minn Ċirene
8. Ir-raba' waqgħa u l-ġest ta' ħniena tal-Veronika
9. Il-ħames waqgħa
10. In-nisa ta' Ġerusalemm
11. Ġesù mneżża' minn ħwejġu
12. It-tislib
13. Il-mewt
14. Ġesù mniżżel mis-salib
15. Id-difna

Opra oħra tal-istess żmien (1584) hija dik tas-saċerdot fjamming Christian van Adrichem (Adrichomius). Il-Via Dolorosa hi maqsuma fi 12-il stazzjon, li l-ordni tagħhom fis-sustanza mhux differenti minn dak ta' van Paschen; il-waqgħat ta' Ġesù ġew imnaqqsa għal tlieta. Adrichomius għamel sforz biex jindika t-tul tat-triq li mexa Ġesù mingħand Pilatu sal-Kalvarju; 1321 pass jew 3330 pied (=kważi 4 kilometri). Il-qies preċiż tad-distanza bejn stazzjon u ieħor kellu skop; b'dan il-mod, in-nisrani jkun fejn ikun (id-dar jew il-knisja), jimxi madwar jew lura u 'l quddiem biex jimxi ma' Ġesù, iżomm f'moħħu it-Triq tas-Salib u jimmedita f'qalbu l-passjoni ta' Kristu.

Bejn is-sekli XVII u XVIII, l-iskema tal-Via Crucis ħadet forma ġdida, din id-darba definitiva: mat-tnax-il stazzjon ġew miżjuda (jew separati minn dawk diġà eżistenti) l-aħħar tnejn; Ġesù jitniżżel mis-salib u d-difna. B'dan il-mod ġie affermat u mxerred l-ordni l-ġdid tal-Via Dolorosa magħmula minn 14-il stazzjon, li għadha hekk sal-lum. Fl-1731 il-Kongregazzjoni tal-Indulġenzi għarfet il-Via Crucis bħala devozzjoni qaddisa. Din id-deċiżjoni ekklesjastika

sabet appoġġ prezzjuż fil-predikazzjoni ta' San Leonardo da Porto Maurizio – il-famuż predikatur Franġiskan tal-Via Crucis – li ghal 40 sena, sal-mewt tiegħu fl-1751, waqqaf personalment 572 Via Crucis. Waħda minnhom, bil-permess tal-Papa Benedittu XIV, waqqafha ġewwa il-Colosseo ta' Ruma fl-1741. F'dan il-post, imqaddes bid-demm ta' tant martri insara, il-Papa Pawlu VI, wara l-pellegrinaġġ li għamel fl-Art Imqaddsa fl-1964, beda l-użanza li jagħmel hemm il-Via Crucis nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Din id-devozzjoni, minkejja l-bidliet li rat fil-forma tagħha, baqgħet dejjem tgawdi stima kbira mill-insara. Imma lanqas ma naqsu l-kritiċi. Wieħed mill-aktar ħorox kien il-benedittin P. Giuseppe Maria Puiati tal-monasteru ta' Monte Cassino. Huwa wera d-dubbji tiegħu dwar l-istazzjonijiet li ma humiex imsemmija fil-Vanġeli – il-waqgħat, il-laqgħa ma' Ommu, il-ġest tal-Veronika u li jpoġġu l-ġisem mejjet ta' Ġesù f'ħoġor Marija. Kienu ħafna l-awturi li taw ir-reazzjoni tagħhom għal dawn l-oġġezzjonijiet. Dawn sostnew li l-veru sens



tal-Via Crucis mhux dejjem hu bbażat fuq il-kronoloġija ta' fatti storiċi, xi wħud mill-istazzjonijiet huma msejsa fuq it-tradizzjoni, meħuda mill-ħajja liturġika jew mill-frott ta' riflessjoni teoloġika u mill-intwizzjoni spiritwali ta' l-insara. Il-Via Crucis ma tatix kronologija tal-aħħar sigħat tal-ħajja ta' Ġesù, u lanqas ma hu l-iskop tagħha li b'mod fidil tirrappreżenta l-aħħar ġrajjiet ta' ħajtu, anki jekk uħud mill-istazzjonijiet huma meħuda mill-Vanġeli. Il-Via Crucis tgħin lin-nisrani jidħol fil-misteru tas-sofferenza u tal-mewt ta' Iben Alla.

Hija lezzjoni ta' umiltà u mħabba – sejħa għall-konversjoni. Min iħares lejn il-Via Crucis mill-viżjoni storika jew ifittex stimuli ta' natura esiġetika, wisq probabbli li jibqa' deluż. L-ewwel tħassib huwa proprju dwar il-belt ta' Ġerusalemm, fejn Ġesù miet u rxoxta. Il-belt, minn żmien Ġesù, ġiet meqruda u mibnija mill-ġdid bosta drabi. Il-pellegrin irid iżomm dan f'moħħu waqt li jkun qed jagħmel it-Triq tas-Salib ġewwa il-*Via Dolorosa*, qalb l-isqaqien u toroq dojoq u l-istorbju u kaos tas-suq ta' Ġerusalemm illum. Wieħed jifhem il-mistoqsija, "Imma veru li Ġesù mexa hawn?" Il-mixi matul it-Triq tas-Salib irid ikun akkumpanjat mill-fidi u d-devozzjoni. Dan biex wieħed jissupera l-barrieri taż-żmien. Irridu nħallu l-ġebel jitkellem, xhieda tal-passat li jibnu l-pont bejn ilbieraħ u illum. L-istazzjonijiet tal-Via Dolorosa jagħmlu ħajjin il-mumenti traġiċi fil-ħajja ta' Ġesù, li n-nisrani irid jidħol fihom biex jiltaqa' mal-ħellies, tifkira tal-wegħda divina, "tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni" (Ġer 29,13-14).

